Minuti tal-laqgħa numru disgħa (9) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu, 2025 fil-Bini Muniċipali, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat fil-5.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Terence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| 09.01 | **Qari tal-ittri ta' Apoloġija**<br>Ma kienx hemm. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba. | Presendenza u Apoloġiji |
| 09.02 | **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta preċedenti**<br>Il-Minuti tas-seduta numru tmienja kienu mgħoddija mal-agenda, ikkunsidrati u approvati unanimament fuq proponiment tas-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti. Kien hemm korrezzjoni żgħira tas-Sur Nazju Cassar fejn 08.07.11 inqatgħet il-kelma 'passaġġ' u ġiet taqra 'rampa'. | Minuti |
| 09.03 | **Ċedola tal-Pagamenti numru 367**<br>Iċ-ċedola tal-pagamenti 367 kienet approvata b'vot unanimu wara li kien hemm osservazzjoni tas-Sa Charmaine Balzan. Il-pagament f' item 478 fil-kolonna *Ammont li ser Jitħallas* suppost tniżżel €27.56 u mhux €2756. Il-korrezzjoni saret u l-pagament ser joħroġ korrett mil-uffiċċju. | Ċedoli tal-pagamenti |
| 09.04 | **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi nru 84**<br>L-ordni tax-xiri u servizzi numru 84 ukoll kienet approvata unanimament. | Ċedola tax-xiri ta' prodotti u servizzi |
| 09.04.01 | Is-Sur Terence Sant tkellem dwar<br>(i) il-bżonn li jinxtara computer ġdid biex jirrekordja l-filmat tas-cctv tal-parkeġġ (Ghalqa ta' Kola)<br>(ii) il-bżonn li s-cctv ta' Ġnien San Duminku jkun integrat mal-uffiċċju għax s'issa qatt ma aċċessajna l-cameras t'hemmhekk u | Xiri ieħor |

| | | |
|---|---|---|
| | (iii)l-bżonn li tkun indirizzata l-problema ta' *enforcement* fil-parkegg, Triq Santa Rita u fi Triq Gorg Borg Olivier fejn iż-żewġ bars.<br><br>Kien hemm il-proposta biex f'dan is-sit isir *timed parking* bħalma l-bieraħ kienet impoġġija tabella bl-istess kunċett f'parkeġġ quddiem il-bieb tal-uffiċċju tal-KLR fi Triq il-Kbira. Kien hemm ukoll diskussjoni dwar il-ħin ta' dan it-*timed parking*. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li hemm bżonn ukoll li jinbidel il-*lap top* tiegħu li qiegħed jeħel kull darba li jużah. | |
| 09.05 | **Kunsiderazzjoni u Evalwazzjoni tal-offerta pubblika għall-kiri ta' garage**<br>Kien deċiż fuq rakkomandazzjoni tal-bord illi din l-offerta pubblika terġa' toħroġ mil-ġdid peress li iż-żewġ bidders weħlu fit-*technical section* billi garage propost minnhom instab li kien basement u l-ieħor ma kellux *Compliance Certificate*. | Offerta pubblia ta' kiri ta' garage |
| 09.06 | **SPI/SCI/5/2025 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026**<br><br>Kien deċiż li napplikaw għas-sena d-dieħla fuq l-istess kriterji li kienet mibnija fuqhom l-applikazzjoni ta' din is-sena. Dak il-ħin is-SE wera fuq il-*big screen* l-attendenza numeruża li kien hemm waqt l-organizzazzjoni ta' din is-sena tal-attività tal-Karnival nhar it-3 ta' Marzu 2025 organizzata mil-KLR bil-kollaborazzjoni ta' kumpanija li offriet diversi logħob u attrazzjonijiet edukattivi għat-tfal.<br><br>Dwar dan l-avveniment is-Sindku Sandro Craus qal li l-Bouncy Castle għas-sena d-dieħla offrih mingħajr ħlas is-Sur Paul Abela, eks kunsillier filwaqt li kien spjegat li l-persuna li din is-sena ħadet ħsieb dan l-aspett ġieli ramat fil-Baħrija bil-permess tal-Kunsill Lokali. Il-facepainting sar b'xejn ukoll minn helpers li kkordinat Charmaine Balzan. | Karnival 2026 |
| 09.07 | **SPI/SCI/6/2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġett Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**<br>Kien deċiż illi napplikaw biex isir id-dwal ta' Vjal Santu Wistin. | Dwarl ta' Vjal Santu Wistin |
| 09.08 | **SPI/SCI/7/2025 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità**<br>Se napplikaw ukoll iżda l-item se jitniżżel fuq l-agenda tax-xahar id-dieħel. | SPI 7/2025 |
| 09.09 | **Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv  2024**<br>Ir-rapport amministrattiv 2024 kien approvat b'vot unanimu. | Rapport Amministrattiv |
| 09.10 | **Oġġezzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar permess PA862/25**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qara l-oġġezzjoni tal-KLR li daħħal fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar filwaqt li s-SE qara l-ittra li ntbagħtet | Oġġezzjoni PA862/25 |

| | | |
|---|---|---|
| | fid-djar ta' Triq Gorg Borg Olivier kif ukoll ta' Triq Inguanez biex tħeġġeġ lil pubbliku li joġġezzjona wkoll. Dan sar wara l-laqgħa li nżammet mal-pubbliku fil-Bini Amministrattiv fejn lukanda ta' tliet stilel mhix aċċettabbli fi Triq Gorg Borg Olivier. L-oġġezzjoni li ddaħħlet fuq is-sit tal-Awtorità tal-Ippjanar intweriet dak il-ħin bħala xhieda li ddaħħlet fuq il-*big screen* mis-SE mill-eapps. | |
| 09.11 | **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat li nżammu mal-Banek u l-Ħwienet u Residenti tas-Saqqajja**<br>Wara l-laqgħat li kellu l-KLR mar-residenti, l-ħwienet u l-banek, il-minuti tal-laqgħat li nżammu it-tnejn nhar it-28 ta' Frar fl-4.00pm u s-6.00pm kienu mqassma mal-agenda u dawn ġew approvati unanimament. Issa jmiss laqgħat mas-sidien tal-karozzini biex naraw kif se jevitaw is-Saqqajja meta jkun qed isiru x-xogħlijiet kif ukoll mal-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp biex jibqgħu jarmaw il-planċier fl-Imnarja. | Xogħlijiet fis-Saqqajja |
| 09.12 | **Approvazzjoni tal-permessi tad-dħul f'Wied il-Qlejgħa mil-bdiewa fi tmiem il-ġimgħa**<br>Kienet approvata l-lista ta' permessi biex il-bdiewa u l-qraba tagħhom jitħallew jaċċessaw il-Wied tal-Qlejgħa fi tmiem il-ġimgħa bil-vetturi tagħhom flimkien mar-residenti (li bosta drabi huma bdiewa wkoll). Dan sar wara li l-awtorità Transport Malta ddeċidew li Wied tal-Qlejgħa jibqa' aċċessibbli biss bil-pass bejn l-10:00 u s-6:00pm fi tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi. | Il-Wied tal-Qlejgħa |
| 09.13 | **Ħatra ta' bord tal-intervisti – Vakanza Skrivan Skala XV**<br>Il-Bord se jkun kompost kif deċiż mis-SE, is-Sur Matthew Chetcuti u s-Sur Terence Sant. Dawn se jagħmlu l-intervisti lill-applikanti li applikaw. Is-Sindku, Sandro Craus tkellem dwar l-arretrati li hemm dovuti lill-impjegati tal-Kunsill wara li ġie konkluż il-ftehim kollettiv tagħhom. Hu insista li dawn għandhom jinħadmu mill-Accountant tal-Kunsill. Dawn mingħajr dubju se jkunu qed jgħaddu *Audit Adjustments* l-awdituri li se jżuruna il-ġimgħa li ġejja. | Ħatra ta' bord tal-intervisti |
| 09.14 | **Punti Oħra** | |
| 09.14.01 | Is-Sindku ippropona li jitpoġġa bukkett fjuri (imħallas mil-KLR) quddiem il-vara ta' San Ġużepp għada 13 ta' Marzu,  waqt il-quddiesa ddedikata għall-għaqdiet. | Fjuri |
| 09.14.02 | Is-Sur Matthew Chetcuti, il-Viċi Sindku, ppropona li ssir bibita għall-kumitat nhar il-Ħadd 16 ta' Marzu filgħodu u jħallasha il-KLR. Is-SE se jibgħat *calendar invite* kif ikollu l-ħin eżatt u se jieħu ħsieb id-drinks u l-ikel. | Bibita |
| 09.14.03 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippropona *drink* ieħor għall-kumitat meta hu maħsub li jitkanta l-innu ta' San Ġużepp mil-gallerija tal-Kunsill nhar il-festa ta' San Ġużepp minn kantanta. | Kant |

| | | |
|---|---|---|
| 09.14.04 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-iskema tal-*Clean Up.* Hu qal li din għandu jkollha skopijiet edukattivi billi jsiru filmati u fihom jipparteċipaw persuni magħrufa Rabtin filwaqt li jerġa' jkun hawn qawmien tal-logo Xummiemu biex din tkun kampanja effettiva. Ma kienx deċiż jekk realment hux se ssir jew le din l-istess Clean up. | Clean Up |
| 09.14.05 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-bżonn li jkun ippreservat il-monument tal-artist Rabti Joseph Calleja li ħadem aktar minn ħamsa u tletin film f'Holywood. Is-Sur Craus qal illi it-talba tagħna lis-CEO tal-BOV tikkonsisti f'monument maħdum fil-bronż u dak li hemm fil-fibre ikun preservat fuq ġewwa għaliex ma jiflaħx għall-elementi. Hu ta l-istimi lill-KLR li huma ta' €6,710 tal-funderija, Antica Fonderia Artistica Giuseppe di Giacomo (stima datata 14.2.25 numru 5/25), l-unika funderija li tagħmel dan ix-xogħol, żewġ mawriet mill-artist is-Sur Joe Scerri l-Italja li jitilgħu €1,000 u jkun fadal il-*freight*. Is-Sindku qal li jista' jkun li jgħinuna fiha Komunità Malta li taw il-fondi għar-restawr tan-Niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja stess għaliex dan il-bust se jitpoġġa eżattament mal-ħajt tal-BOV, fejn kien jgħix Joseph Calleja. Dwar din id-direct order irridu napplikaw mad-Dipartiment Gvern Lokali. | Bust ta' Joseph Calleja |
| 09.14.06 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-binja tal-kunvent Santu Wistin mikrija lill-KLR biex jakkomoda persuna *homeless.* Hu qal li dan il-persuna irnexxielu jsib post tal-Gvern u għaldaqstant, is-sit fi Triq l-Isptar hu vakant. Is-Sur Craus qal li tajjeb li wieħed jikkunsidra Radju tal-Komunità f'dan is-sit kif ukoll li nibdew inħejju biex isiru klassijiet tal-crafts u / jew korsijiet oħrajn. Kien hemm qbil unanimu li din il-kirja tibqa' titħallas alavolja s-sit se jkun vakant dalwaqt. | Kirja fil-Kunvent Santu Wistin |
| 09.14.07 | Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet dwar il-Mużew tax-Xierfa fejn qalet illi dawn jixtiequ illi fi Triq Santa Katerina jitwaħħlu sleeping policemen minħabba li qed jibżgħu li jtajjru lil xi ħadd li jkun dieħel jara l-Mużew. Hawn is-Sindku, is-Sur Sandro Craus staqsa lis-SE jekk irċevejniex xi invit dwar il-ftuħ uffiċjali ta' dan il-Mużew. Is-SE wieġeb fin-negattiv. Se napplikaw għal dawn is-sleeping policemen u se naraw min qabad u waħħal it-tabelli tan-no entry li jistgħu ikunu relatati ma arranġamenti temporanji tat-traffiku li saru biex tingħalaq Triq Ħad Dingli minn Infrastruttura Malta biex jiġu mgħoddija xi servizzi. | Triq Santa Katerina u / jew Triq Misraħ Suffara |
| 09.14.08 | Is-Sa Charmaine Balzan talbet *update* dwar l-oġġezzjoni li għamlu b'petizzjoni r-residenti ta' fejn il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù minħabba li l-KLR ta permessi fit-tul biex jingħalqu t-toroq minn tal-armar biex jiddekoraw it-toroq għal tul deskritt minnhom bħala 'esaġerat'. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dan l-armar mhux dejjem ikun possibbli li jintrama meta jkunu magħluqin il-ħwienet, jiġifieri bejn is-13:00 u l-16:00. Hu semma' l-każ meta din il-ġimgħa | Armar Festa San Ġużepp |

| | | |
|---|---|---|
| | ingħalqet Triq San Pawl minħabba li ntrama' crane biex jiġi installat l-ark il-kbir. | |
| 09.14.09 | Is-Sa Charmaine Balzan talbet sabiex jitneħħew it-tabelli tan-no entry li kienu twaħħlu viċin il-ħanut tax-xagħar fi Triq Anton Muscat Azzopardi bejn Triq Santa Rita u Triq Santa Barbara. Dawn kienu twaħħlu għaliex Infrastruttura Malta kienu se jibdew ix-xogħlijiet madwar sena ilu u s'issa għadu ma sar xejn. | Tabelli ħżiena |
| 09.14.10 | Is-Sur Norbert Grech talab sabiex isir patching f'ħofra li hemm Bieb ir-Ruwa viċin dak li jbiegħ il-bajd. | Patching |
| 09.14.11 | Is-Sur Norbert Grech talab sabiex jinqata l-ħaxix ħażin li kiber fejn Blk A, Flats 9-16, Għajn Qajjet. | Ħaxix ħażin |
| 09.14.12 | Is-Sur Norbert Grech talab sabiex issir bankina faċċata tal-Bring in Site jiġifieri quddiem Blk A, Flats 9-16. | Bankina |
| 09.14.13 | Is-Sur Norbert Grech talab sabiex jiġu ddrittati is-siġar tal-pinjol li tgħawwġu li kienu tħawwlu ftit tas-snin ilu fit-telgħa tas-Salib. | Siġar tal-Prinjol |
| 09.14.14 | Is-Sur Norbert Grech talab sabiex isir il-knis ta' Vjal il-Ħaddiem viċin il-ħanut tal-Maypole. | Knis ta' Vjal il-Ħaddiem |
| 09.14.15 | Is-Sur Norbert Grech talab sabiex tiġi rranġata r-rampa li hemm fil-Pjazza tal-Baħrija bejn it-triq u l-bankina quddiem ir-ristorant bl-isem tal-Kuġini. | Rampa l-Baħrija |
| 09.14.16 | Is-Sur Paul Grech talab sabiex ikollu ċavetta tal-latrina pubblika l-ġdida tal-Baħrija. Din se ninawgurawha dalwaqt. Kulma jonqosha hu is-cctv cameras. | Latrina tal-Baħrija |
| 09.14.17 | Is-Sur Nazju Cassar talab sabiex tinħareġ l-offerta pubblika tal-manutenzjoni tal-bankini u t-toroq. | Offerta pubblika |
| 09.15 | **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss**<br>Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar id-9 ta' April fil-5.00pm u din spiċċat fit-8:20pm. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 9 ta' April, 2025 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku